MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 925/2008

**Learnkey Limited**
**(C – 24652)**

**vs**

**Adabelle Curmi**
**(I.D. nru. 327088M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta' attrici talbet lil konvenuta il-hlas tas-somma ta' elfejn, mija u erbgha u hamsin Euro u sebgha u sittin centezmi (€2,154.67), peress :

1. Illi s-socjeta' attrici tforni diversi servizzi ta' taghlim u ta' stharrig f'numru ta' dixxiplini;
2. Illi l-konvenuta, fis-sena 2006, kienet applikat sabiex tibda' tattendi kors offrut mis-socjeta' attrici;
3. Illi qabel ma kien beda l-kors ta' stharrig fid-dixxiplina selezzjonata mill-konvenuta, din kienet dahlet fi

ftehim appozitu intitolat ‘Learn Key Training Institution – Agreement & Regulations’ (Dok LK1 anness mal-avviz tat-talba) fejn kien hemm stabbilit bejn il-partijiet f’din il-kawza l-obbligazzjoni u dmirijiet tal-partijiet rispettivi;

4. Illi l-kors de quo kien mifrux fuq perjodu ta’ sentejn u kien jammonta ghal €3,028.19 (Lm1,300.00). Minn dan l-ammont l-konvenuta kienet lahqet hallset is-somma ta’ €873.52 (Lm375.00);

5. Illi f’dan l-imsemmi ftehim hemm precizat (a pagna 5 ta’ l-istess) illi fl-eventwalita’ li student jieqaf jattendi l-kors qabel ma jiddekorri l-prejodu prefiss ta’ sentejn (2), l-istess student ghandu l-obbligu li jhallas il-kors intier u dan ghax dak l-istudent ikun ha l-post ta’ potenzjali student iehor ghaz-zewg snin imsemmija;

6. Illi tali klawsola giet debitament moqrija u spjegata lill-konvenuta u hi volontarjament u liberament appendiet il-firma taghha bl-intenzjoni li tintrabat b’tali ftehim u li tibda’ tattendi l-kors u/jew dixxiplina minnha maghzula;

7. Illi l-ispjega ta’ tali klawsola u l-konsegwenzi taghha saret lill-konvenuta fil-prezenza ta’ genitur taghha, u dan hekk kif jidher mill-ahhar faccata tal-ftehim anness mal-avviz tat-talba, fejn hemm addirittura l-firma ta’ l-istess genitur tal-konvenuta;

8. Illi ghalkemm il-konvenuta bdiet tattendi l-kors fid-dixxiplina minnha maghzula, wara certu zmien din waqfet taghmel hekk u dan minghajr ebda spjegazzjoni;

9. Illi ghalhekk skattat l-operativita’ ta’ l-imsemmija klawsola;

10. Illi ghalkemm numerevolment interpellata, kemm tramite telefonati, b’ittra legali u b’ittra ufficjali (Dok LK2 anness mal-avviz tat-talba), il-konvenuta baqghet inadempjenti u b’hekk is-somma bilancjali fl-ammont ta’ €2,154.67 (ekwivalenti ghal Lm 925.00) ghadha pendenti u dovuta mill-konvenuta;

11. Illi ghalhekk, tghid ghaliex il-konvenuta m’ghandux dan it-Tribunal :

i. Jiddikjara l-konvenuta debitrici versu s-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ €2,154.67 (ekwivalenti ghal Lm925.00); u

ii. Jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont appena ndikat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Art. 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 22 ta' Ottubru, 2007 u bl-imghax mid-data ta' din l-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li giet ngunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta' elfejn, mija u erbgha u hamsin Euro u sebgha u sittin centezmi (€2,154.67), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------